Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,832, 27 ta' Awissu, 1999
Taqsima B

A.L. 149 ta' l-1999

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA
(KAP. 10)

Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iż-Żamma ta' Bon Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment (Emenda Nru. 2).

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 203 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iż-Żamma ta' Bon Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1995 dwar iż-Żamma ta' Bon Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 124 ta' l-1995.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minufih wara t-tifsira ta' "lokalità ta' divertiment" fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "post abitat" għandha jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija;".

Jemenda r-regolament 9A tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 9A tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "mhux iktar tard mis-sagħtejn ta' filgħodu." għandhom jidħlu l-kliem "mhux iktar tard mis-sagħtejn ta' filgħodu:" u minnufih wara għandu jidħol il-proviso li ġej:

"Iżda fejn il-post fil-miftuħ fejn ikun ser isir il-*party* jew *disco* ikun parti minn fond liċenzjat bħala post ta' divertiment li jkun jinsab f'distanza ta' aktar minn ħames mitt metru 'l bogħod minn post abitat, id-detentur tal-liċenzja dwar dak il-fond jista' japplika lill-Kummissarju biex jestendilu l-limitu tal-ħin li hemm stabbilit f'dan ir-regolament soġġett għal dawk il-kundizzjonijiet li l-Kummissarju jista' jidhirlu xierqa iżda dak il-limitu ta' ħin ma għandu f'ebda każ jiġi estiż għal aktar tard mill-erbgħa ta' filgħodu.".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (1) tiegħu, minflok il-kliem "mal-ħarsien u mal-protezzjoni ċivili" għandhom jidħlu l-kliem "mal-ħarsien, mat-tinġis bi ħsejjes u mal-protezzjoni ċivili";

(b) fil-paragrafi (2) u (3) tiegħu, minflok il-kliem "kondizzjonijiet ta' saħħa u ta' ħarsien" għandhom jidħlu l-kliem "kondizzjonijiet ta' saħħa, ta' livelli ta' ħsejjes u ta' ħarsien"; u

(ċ) fil-paragrafu (6) tiegħu, minflok il-kliem "il-ħruġ ta' xi permess" għandhom jidħlu l-kliem "il-ħruġ jew it-tiġdid ta' xi permess".